# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun

## Laqgħa Nru. 20/*2016*

Data: L-Erbgħa 18 ta' Mejju 2016

Hin: 6.00p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri -Kunsillier
Is-Sinjura Carmen Borg – Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Is-Sinjura Louise Portelli u s-Sur Jurgen Carl Grixti kienu skuzati

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti

2. Ġieħ il-Ħamrun

3. Risposta għall-Management Letter

4. Aġġornament.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta’ Seduta Nru 18 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

1.2 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta’ Seduta Nru 19 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 2 Punti mqajjma mill-Minuti

2.1 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-Programm tas-Serata Letterarja issa lest. Ġew mistiedna wkoll id-Drama Group tal-Kors li ġie organizzat mill-Kunsill. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat ukoll li għal din is-serata se jkun hemm ukoll show minn żeffiena tal-Flamenco.

**Jum il-Hamrun**

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li l-Għaqda Armar Immakulata Kunċizzjoni se tkun qed tiġi rappreżentata mis-Sinjorina Francine Borg li se tkun qed taqra Innu ta’ Dun Frans Camilleri iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li –recording tad-diski issa tlesta. Dawn id-diski se jiġu rekordjati fuq CD u se jsir Cover għas-CD fejn fiha se jkun hemm il-lirika taż-żewġ diski. Barra minhekk se jitqassam flyer bil-lirika tad-diski lil dawk preżenti waqt is-serata.

2.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali approvat li l-Kunsill jibda taħdidiet mal-Belt ta’ Jinjaing fiċ-Ċina għar-rabta ta’ Ġemellaġġ.

**Ġemellaġġ**

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddiet korrispondenza lil Transport Malta sabiex jinbeda studju dwar is-sistema tat-traffiku mitluba mir-residenti.

**Triq Lord Byron**

2.4 Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalissa qed isiru l-kontenituri tal-pjanti li se jintramaw fil-pjazza u t-tabelli se jitwaħħlu malli x-xogħol kollu jkun lest.

**Triq Atocia**

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jevalwa t-talba tal-Kunsill. Jidher li ġaladarba dan il-gym equipment se jingħata against a service offrut mill-iskola, m’għandux ikun hemm diffikultajiet, iżda l-Kunsill għandu jistenna d-direzzjoni tad-Dipartiment qabel jagħmel il-pass li jmiss.

**Użu tat-track u installar ta’ Gym Equipment**

2.6 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-Mixja Kulturali kienet suċċess. Dawk preżenti bdew il-mixja mill-Ħamrun Scouts fejn kien hemm attendenza tajba hafna. Il-Kunsillier Carmen Borg irringrazzjat lis-Sur Max Farrugia tal-informazzjoni eccellenti li ta waqt din il-Mixja

**Mixja Kulturali ‘Kemm taf dwar il-Hamrun?’**

| | | |
|---|---|---|
| 2.7 | Il-Kunsillier Carmen Borg, talbet li ssir pressjoni ma' Transport Malta sabiex jigi nstallat Bus Shelter fi Triq Kappillan Mifsud, fl-area tal-LIDL. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsillier Antonello Cuschieri ilu xhur li ressaq dan l-ilment u mill-informazzjoni li nghata l-Kunsill minn Transport Malta huwa li bhalissa qed tinhadem tender gdida ghal Bus Shelters u kollox jinsab wieqaf. | **Installar ta' Bus Shelter** |
| **3** | Is-Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda r-rapport tal-Kumitat tal-Ghazla fejn il-membri tal-Bord irrakkomanda li Gieh il-Hamrun 2016 jinghata lil Dun Anton Portelli.<br><br>Is-Sindku staqsa jekk hemmx membri ohra li jixtiequ jinnominaw lil xi haddiehor.<br><br>Il-Kunsill approva unanimament li Gieh il-Hamrun 2016 jinghata lil Dun Anton Portelli.<br><br>Il-Kunsillier Efrem Buttigieg ippropona li l-Kunsill jaghti Rikonoxximent lil Stefan Sultana, li huwa l-Head Coach tal-Hamrun Spartans Nursery. Barra minhekk is-Sur Sultana huwa ex-player ta' Hamrun Spartans u huwa wkoll l-aqwa scocer ta' kull zmien fil-Premier Malti. Barra minhekk, s-Sur Sultana, bhala Head Coach tan-Nursery kien strumentali sabiex it-team tal-Under 17 rebhu l-League. | **Gieh il-Hamrun 2016** |
| **4.** | Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda t-Twegiba ghall-Managment Letter 2016.<br><br>Il-Kunsill approva r-risposta ghall-Management Letter. | **Twegiba – Management Letter** |

**5. Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fis-8.00p.m. u giet aggornata ghall-Erbgha, 8 ta' Gunju 2016, fis-6.00p.m

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Christian Sammut<br>*Sindku* | Karen Camilleri<br>*Segretarju Eżekuttiv* |

Data: